MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 6/1996/2

**Cornucopia Hotel Limited**

**v.**

**Fisher Reisen Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni prezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Peress illi s-soċjeta` attriċi għandha tiehu mingħand is-soċjeta` konvenuta tlett elef erba' mija u ħdax-il lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm3,411.34c) prezz ta'

akkomodazzjoni u ikel provduti mis-soċjeta` attriċi lill-klijenti tal-kumpanija konvenuta;

“U peress illi s-soċjeta` attriċi trid titħallas l-ammont dovut mis-soċjeta` konvenuta;

“U peress illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u safejn jaf l-attur is-soċjeta` konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tqajjem għat-talba illi dan il-kreditu tal-esponenti nomine jitħallas;

“U peress illi l-attur jaf dawn il-fatti kollha personalment.

“Ghid ghalhekk int konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

“1. taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizazzjoni u Proċedura Civili;

“2. tikkundannak sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tlett elef erba' mija u ħdax-il lira maltija u erbgħa u tletin ċentezmu (Lm3411.34c) dovuta kif fuq ingħad bl-interessi fuq l-istess somma mill-aħħar data meta ġew provduti s-servizzi cioe` mill-wiehed u tletin ta' Awissu elf disa' mija erbgħa u disgħin (31.8.1994) sad-data tal-effettiv pagament.

“Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa inti ingunt.

Rat illi s-socjeta` konvenuta inghatat il-fakolta` li tikkontesta l-kawza b’digriet tas-6 ta’ Frar, 1996;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Preliminarjament il-*Privilegium fori* billi s-soċjeta` konvenuta hija reġistrata u topera fil-gżira ta' Malta u kwalunkwe ħlas li jista' jkun dovut lis-soċjeta` attriċi, bil-liġi għandu jsir fejn ikun joqgħod id-debitur.

“2. Illi s-soċjeta` konvenuta mhijiex il-leġittima kontradittur f'din il-kawża billi l-kontrattazzjoni ma saritx magħha u kwalunkwe pagament li setgħa kien dovut ma kienx dovut minnha.

“3. Illi anqas is-soċjeta` attriċi ma hija legittima kontradittur f'din il-kawża billi l-konrattazzjoni ma saritx magħha.

“4. Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit it-talba attriċi tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2147(b) tal-Kodiċi Ċivili.

“5. Illi fil-meritu u bla preġudizzju għas-sueċċepiet l-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi mhuwiex dovut.

“6. Illi f'kull każ u bla preġudizzju, is-soċjeta` attriċi jew il-Cornucopia Hotel għandhom jagħtu lis-soċjeta` konventua jew lis-soċjeta` Fischer "Reisen GMBH u għalhekk kwalunkwe ammont li talvolta jista' jirriżulta dovut lis-soċjeta` attriċi għandu jiġi paċut ma’ l-ammont dovut minnha.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fit-22 ta’ April, 1997, li in forza taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-*privilegium fori* mressqa mis-socjeta` konvenuta;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fit-18 ta’ Jannar, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi
“.......tiċhad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` konvenuta, ħlief għal dak li jirrigwarda l-*quantum* ta' ammont rejalment dovut, tilqa' parzjalment it-talba attriċi, tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta debitriċi lejha fis-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sebgħin lira maltija u erba' ċenteżmi (Lm2776.04) u tikkundannaha tħallas din is-somma lill-istess soċjeta` attriċi.

“L-interessi, billi l-ammont tassew dovut, ġie stabilit biss permezz ta' din is-sentenza, għandhom jibdew jiddekorru b'effett mid-data ta' l-istess sentenza.

“L-ispejjeż, apparti dawk ġia stabiliti bis-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' April 1997, ikunu kwantu għal tliet kwarti (3/4) a karigu tas-soċjeta` konvenuta u kwart (1/4) għas-soċjeta` attriċi.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta` attriċi qed titlob mingħand is-soċjeta` konvenuta l-ħlas ta' ammont allegatament dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel provdut lil turisti mibgħuta fil-lukanda tagħha mis-soċċjeta` konvenuta.

“Għal din it-talba s-soċjeta` konvenuta eċċepiet fl-ewwel lok il-*privilegium fori.* Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz tas-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta'April 1997.

“Preliminarjament ukoll eċċepiet illi hija mhix il-leġittimu kontadittur, billi l-kontrattazzjoni ma saritx magħha, imma mas-soċjeta` estera Fisher Reisen GmbH u kwalunkwe pagament li setgha kien dovut ma kienx għalhekk dovut minnha. Hija infatti tagħmel referenza għall-kuntratt li jirreferi għal dawn is-servizzi[1]. Huwa minnu illi dan il-kuntratt sar fuq formula stampata li tindika illi waħda mill-kontraenti kienet appuntu "Fisher Reisen Gmbh". Madankollu fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżultaw mill-atti proċesswali diversi fatturi li jindikaw illi l-vera kontraenti kienet is-soċjeta` konvenuta u mhux dik estera bl-istess isem. Apparti l-fatt ta' l-ammissjoni stess tas-soċjeta` konvenuta, li fin-nota li biha ppreżentat kopja ta' dan il-kuntratt ddikjarat testwalment illi qed "***jesebixxi kopja tal-kuntratti oriġinali bejn il-kontendenti***",[2] jidher fuq l-istess kuntratt illi Maryrose Ambrogio, *managing director* tal-kumpanija konvenuta, iffirmat ghal Fisher Reisen, mingħajr ma ġie speċifikat jekk kienetx qed tagħmel hekk

[1] A fol. 25 - 26 tal-process .
[2] ara Nota tal-11.6.1996 a fol. 24 .

biss bħala mandatarja tas-soċjeta` estera. Hekk ukoll lanqas qatt me ġiet esebitita ebda prokura li kienet tawtorizzaha tagħmel dan. "***Il mandatario, avendo parlato in proprio nome, sara' vincolato verso il terzo col quale ha contratto, come se non vi fosse mandato. Egli ha promesso, e quindi e' obbligato***." [3]

"Fil-korrispondenza li għaddiet bejn Maryrose Ambrogio u Victor Borg, qatt ma ngħata x'wieħed jifhem illi l-soċjeta` konvenuta ma kellhiex x'taqsam mal-ħlas, anzi meta ntbagħatilha l-kont relattiv[4], din kienet pronta twieġeb fejn ma qablitx ma' uħud mill-ammonti ndikati fuq il-fatturi[5]. Fl-istess depożizzjoni tagħha Maryrose Ambrogio tammetti illi l-ħlasijiet dejjem mill-kumpanija tagħha kienu jsiru. Il-kontijiet ta' l-istabillimenti f'Malta li kienu joffru s-servizzi mitluba mill-klijenti, kienu jintbgħatu lilha. Hija kienet imbagħad tgħaddihom lill-kumpanija estera u malli tirċievi l-flus minn barra, kienet tagħmel il-pagamenti dovuti, neqsin il-ħamsa fil-mija (5%) kummissjoni li kienet iżżomm bħala profitt għall-kumpanija tagħha[6]. Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, Ambrogio tammetti illi bilanċ ta' Lm32.50 indikat fuq invoice number 9524, parti mill-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni, irid jitħallas mis-soċjeta` konvenuta:

"Dr. Carmelo Galea: *U Fisher Reisen Malta li għandha ttihomlu* ?"

"Xhud: ***Iva, għaliex il-pagament sar minn barra, u kien hemm short payment illi ma nistax niftakar għaliex*** … "[7]

"Indikattiv ukoll dak li nsibu stipulat fil-kuntratt imsemmi fis-sens illi: "*Payment will be effected after arrival of guests by Fisher Reisen GmbH or* ***esclusively by the Fisher Reisen Representative*** *- the local travel agency -* ", appuntu kif dejjem ġara fil-każ in eżami. Tant qatt ma kien hemm ebda relazzjoni bejn is-soċjeta` attriċi u Fisher

---

[3] Laurant: Principii di Diritto Civile vol. XXVIII voce Del Mandato: para. 60 pag 45
[4] Dok. B a fol. 6 – 7 .
[5] Dok. VB a fol . 19 u facsimili tal-invoices a fol. 17 – 18 .
[6] ara affidavit ta' Maryrose Ambrogio tat - 2.1.2004 a fol . 118 - 120 .
[7] ara xhieda in kontro-ezami ta' Maryrose Ambrogio a fol. 177 .

Reisen GmbH, illi meta Victor Borg, għan-nom tas-soċjeta` attriċi kitbilha biex jilmenta mid-dewmien fil-ħlas, din lanqas biss weġbitu u minnufih għaddiet l-ittra relattiva lis-soċjeta` konvenuta[8].

“Dan kollu jinduċi lil din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni illi r-rapport ġuridiku bejn is-soċjeta` Fisher Reisen GmbH u s-soċjeta` konvenuta kien dak ta' prinċipal u kummerċjant kummissjonant (*commission agent*) bid-drittijiet u obbligi kif imfissra fil-Kodiċi tal-Kummerċ, u ċioe' illi:

1. "**Il-kummerċjant kummissjonant hu dak li, f'ismu jew taħt l-isem ta' ditta soċjali, jagħmel atti ta' kummerċ b'ordni jew akkont ta' prinċipal**."[9]

2. "**Il-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-persuna li għaliha hu jaġixxi. Hu obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nnifsu**."[10]

3. "**Il-prinċipal m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-kummercjant kummissjonant ikun ikkuntratta, lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-prinċipal**." [11]

“Kif ġie anke spjegat mill-Qrati tagħna:" … ***nel mandato vi e' la rappresentanza vera e propria, e l'atto e' compiuto dal rappresentante in nome e per conto del mandante, e nella commissione si ha una rappresentanza indiretta perche' l'atto e' compiuto dal rappresentante in nome proprio e per conto altrui.*** " [12]

Għamlet sew allura s-soċjeta` attriċi illi ħarket lis-soċjeta` Fisher Reisen Limited, il-kummerċjant kummissjonant li miegħu ikkontrattat u mhux lill-prinċipal Fisher Reisen

[8] ara depożizzjoni Victor Borg a fol. 55 - 63 u Dok. VJB 4 a fol. 68 u Dok. VJB 9 a fol. 74 .
[9] art. 96 Kap. 13 .
[10] art. 97 Kap. 13 .
[11] art. 98 Kap. 13
[12] Nellie sive Helen Briffa vs Lewis Formosa kollez. vol. XXVII. I. 678

Gmbh, għall-kreditu allegatament dovut minnha. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi ukoll respinta.

“Is-soċjeta` konvenuta eċċepiet ukoll illi s-soċjeta` attriċi mhix il-leġittima kuntradittur tagħha billi l-kuntratt *de quo* sar mal-Cornucopia Hotel u mhux ma' xi kumpanija bl-istess isem. Huwa ovvju pero' illi, ġialadarba din il-lukanda tappartjeni lis-soċjeta` attriċi, u ma nġiebet ebda prova kuntrarja, il-kawża kellha ssir minn din il-kumpanija bħala s-sid tagħha u minn ħadd aktar. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk wkoll miċħuda.

“Is-soċjeta` konvenuta mbagħad teċċepixxa l-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' l-artikolu 2147(b) tal-Kodiċi Ċivili, li jirreferi għall-azzjonijiet ta' sidien ta' lukanda, tverna jew alloġġ għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu. Imma kif tikkontendi s-soċjeta` attriċi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, u l-Qorti taqbel magħha, "*dak li qed jintalab mhux kreditu dovut lil sid il-lukanda għall-alloġġ u għall-ikel li huwa jagħti lill-persuna li jalloġġja, fejn sid il-lukanda qiegħed ifittex lill-klijent illi alloġġja fiha, iżda huwa kreditu kummerċjali dovut a bażi ta' skrittura bejn il-partijiet fejn sid il-lukanza intrabat illi jipprovdi alloġġ u servizzi oħrajn lill-klijenti tas-soċjeta` konvenuta u fejn is-soċjeta` konvenuta intrabtet illi tħallas rata fissa għal dak l-alloġġ*." Dan jistqarru wkoll l-istess difensur tas-soċjeta` attriċi fit-trattazzjoni tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni,[13] u jerġa' jostnieh fin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu dwar l-istess eċċezzjoni[14]. Dwar obbligazzjonijiet ta' dan it-tip hija applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, u peress illi ma laħaqx skada t-terminu bejn meta twettqu dawn l-obbligazzjonijiet u meta ġiet intavolata l-kawża preżenti, din l-eċċezzjoni lanqas ma tista' tirnexxi.

“Fil-mertu mbagħad, is-soċjeta` konvenuta tikkontendi illi l-ammont mitlub mhux dovut. Fid-depożizzjoni tagħha, Maryrose Ambrogio tagħti spjegazzjoni dettaljata f'dan ir-rigward: [15]

[13] a fol. 31 tal- process .
[14] a fol. 40 .
[15] ara affidavit a fol. 120 .

1. Tibda biex tikkontesta Lm630.30 *cancellation fees* mitluba mis-soċjeta` attriċi.[16] Bir-raġun, issotni illi ma kien hemm ebda fethim dwar dan fil-kuntratt *de quo.* Hija tagħmel ukoll distinzjoni bejn *cancellation* ta' *booking* u *no show*, fejn il-klijent ikun intrabat li jaċċetta l-akkomodazzjoni riservata imma mbagħad ma jitfaċċax fil-ġurnata miftehma. Tgħid illi skond l-użu, f'dan il-każ ta' l-aħħar biss ikun hemm dritt għall-kumpens. Minn naħa l-oħra Victor Borg, *managing director* tas-soċjeta` attriċi, baqa' ma spjegax fuq x'hiex qed jibbaża din il-pretensjoni tiegħu. F'tali ċirkostanzi il-Qorti jidhrilha illi s-soċjeta konvenuta hija ġustifikata tirrifjuta li tħallas f'dan ir-rigward.

2. Tikkontendi wkoll illi l-ammont ta' Lm868 mitluba in konnessjoni ma' l-alloġġ ta' klijent f'post differenti minn dak li kien ibbukjat għalieh mhux dovut. Tgħid illi dan infatti fittex lil Fisehr Reisen GmbH u kien hemm kawża pendenti l-Germanja għall-kumpens. Pero' apparti l-fatt illi ma ġiet ipprovduta ebda dokumentazzjoni li tipprova illi dan l-istess ammont tħallas lura lill-klijent mill-Fisher Reisen Gmbh, u s-soċjeta` attriċi lanqas ma nżammet infurmata dwar din il-kwistjoni, kif kellu jsir skond il-kundizzjoni numru 2 tal-kuntratt,[17] Victor Borg spjega kif dan il-klijent ġie offrut akkomodazzjoni alternattiva ta' kwalita' superjuri u għalhekk ma kienx hemm minn xhiex jilmenta. Dan l-ammont huwa għalhekk dovut.

3. Tippretendi illi għandha ssir kompensazzjoni ma' ammont dovut mill-Gozo Garage minħabba danni allegatament ikkaġunati meta numru ta' klijenti, li kienu alloġjati f'lukanda oħra, li ma tappartjenix lis-soċjeta` attriċi, tilfu l-ajruplan għax it-trasport li kien ibbukjat għalihom, ma' dan il-garage, ma wasalx fil-ħin . Il-Qorti madankollu taqbel ma' dak li tikkontendi s-soċjeta` attriċi f'dan ir-rigward, illi t-tpaċija ma tapplikax għax m'hawnx tnejn min-nies li huma debituri lejn xulxin,[18] għax il-Gozo Garage jappartjeni lil-kumpanija oħra u mhux dik attriċi, kif

[16] Dokti. MRA 17 - 23 a fol. 138 - 144 .
[17] a fol. 29 .
[18] art. 1196 (I) tal-Kap. 16 .

fil-fatt ġie ammess ukoll mis-soċjeta` konvenuta,[19] u lanqas m'għandha dejn li huwa likwidu u dovut,[20] billi r-responsabilita' tal-Gozo Garage f'dan ir-rigward qatt ma ġiet aċċettata u għadha qed tiġi kontestata. Għall-istess raġunijiet l-eċċezzjoni *ad hoc* ta' tpaċija, li jidher li tirreferi għal dan l-istess ammont,[21] qed tiġi respinta wkoll.

4. Tikkontesta r-rifużjoni ta' l-ammont ta' Lm300 mitlub mis-soċjeta` attriċi. Imma minkejja illi oriġinarjament dan kien inżamm mis-soċjeta` konvenuta bħala "*brochure contribution*", jirrizulta illi eventwalment ġie rikonoxxut li ma kellux jitħallas u nfatti ntbagħat *cheque* fl-istess ammont lis-soċjeta` attriċi, li pero' laħaq skada qabel ma ġie ppreżentat għall-ħlas.[22] Dan l-ammont huwa għalhekk ripetibbli wkoll.

"Għaldaqstant jiġi li mis-somma mitluba mis-soċjeta` attriċi fiċ-ċitazzjoni, irid jitnaqqas biss dak li jirreferi għall-*cancellation fees* li rriżulta li ntalbu inġustament. Għalhekk jekk minn Lm3411.34 inneħħu Lm635.30 li appuntu jirrigwardaw dawn il-*cancellation fees*, jiġi li huwa dovut mis-soċjeta` konvenuta ammont totali ta' Lm2776.04."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta li, ghar-ragunijiet hemm premessi talbet li din il-Qorti:
"...joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn din laqghet in parte l-hames eccezzjoni ta' l-esponenti li l-ammont mhux dovut u dan ghar-rigward is-somma ta' Lm630.30 *cancellation fees* pretizi mis-socjeta` attrici; u thassarha f'dik il-parti fejn laqghet *in parte* t-tieni talba tas-socjeta` attrici; u konsegwentement tichad ghal kollox it-talbiet wara li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' l-esponenti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjeta` attrici li, ghar-ragunijiet hawn premessi, talbet li, fl-ewwel lok, l-

---

[19] ara analysis report Dok. FS 3 para. 4 a fol. 111 .
[20] art. 1197 (I) .
[21] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta a fol. 218 .
[22] Dok. VJB 4 para. 4 a fol. 68 .

appell tas-socjeta` konvenuta jigi michud, u, fit-tieni lok illi din il-Qorti:
"...joghgobha tirriforma dak il-kap tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali tat-tmintax ta' Jannar 2005 f'din il-kawza li bih dik iddeciiet illi l-interessi fuq l-ammont dovut lill-esponenti kellu jibda jiddekorri biss mid-data tas-sentenza u minflok tikkundanna lill-konvenuta thallas l-interessi8 fuq l-ammont dovut minnha b'effett mill-31 ta' Awissu 1994 kif miltlub fic-citazzjoni; filwaqt illi tikkonfermaha fil-kapi l-ohra kollha taghha.

"Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra is-socjeta` konvenuta appellanti."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semeghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Illi f'din il-kawza is-socjeta` attrici qed titlob minghand is-socjeta` konvenuta l-hlas ta' ammont allegatament dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel provdut lil turisti mibghuta fil-lukanda taghha mis-socjeta` konvenuta.  Is-socjeta` konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet ghat-talba ghal hlas li, ghall-konvenjenza qed jigu elenkati bil-mod ta' kif gew trattati mill-ewwel Qorti:
(1) illi hi mhux il-legittima kontradittur, billi l-ftehim ma sarx maghha imma mas-socjeta` estera Fisher Reisen GmbH;

(2) illi is-socjeta` attrici wkoll mhix il-legittimu kontradittur billi l-ftehim sar ma' Cornucopia Hotel;

(3) illi l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili;

(4) illi l-ammont mitlub mhux kollu dovut;

(5) illi ghandha ssir kompensazzjoni ma ammont dovut mill-Gozo Garage, li hi ta' l-istess sid tal-Cornucopia Hotel.

Bis-sentenza taghha l-ewwel Qorti skartat dawn l-eccezzjonijiet kollha, hlief li naqset ammont ta' Lm630.60 mis-somma mitluba. Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u qieghda issostni l-eccezzjonijiet kollha taghha li, skond hi, kellhom jigu milqugha. Is-socjeta` attrici appellat incidentalment mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn din ordnat il-hlas ta' l-imghax mid-data tas-sentenza, bit-talba tkun li l-imghaxijiet ghandhom jidekorru mill-31 ta' Awissu, 1994, kif mitlub fic-citazzjoni.

Trattata l-ewwel kwistjoni, u cioe` jekk is-socjeta` konvenuta hijiex il-legittimu kontradittur, din il-Qorti tirrileva li, fil-waqt li hu minnu li l-kuntratt jidher li gie iffirmat f'isem is-socjeta` estera, Fischer Reisen GmbH, fil-verita` it-twettiq ta' dak il-kuntratt hawn Malta sar mis-socjeta` konvenuta li kienet qed tagixxi f'isimha bhala kummercjant kummissjonat. Fil-fatt, il-hlasijiet u l-konteggi kienu dejjem isiru direttament mas-socjeta` lokali, u qatt ma kienet tigi nvoluta s-socjeta` estera. L-invoices kienu jintbaghtu lis-socjeta` konvenuta u ghalkemm din gieli kienet tirreklama jew tikkontesta l-ammont indikat fuq xi invoice, qatt ma osservat li dawn ma kellhomx jintbaghtu lilha izda lis-socjeta` estera. Il-bookings kienu jsiru mis-socjeta` konvenuta, u l-hlasijiet kienu dejjem isiru minnha. Dawn huma kollha cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li r-responsabbilita` ghall-operazzjoni kien gie assunt mis-socjeta` lokali kif, f'sitwazzjoni simili, din il-Qorti kienet ikkonkludiet fil-konfront ta' agenzija ohra lokali fil-kawza "<u>Vivaldi Hotels Operations Limited vs. Introned Limited</u>", deciza fid-9 ta' Marzu, 2007.

Fuq kollox, ghalkemm il-kuntratt hu tad-ditta estera, gie ffirmat lokalment mid-direttrici tas-socjeta` konvenuta, li ma kellha ebda awtorita` tirrapprezenta lis-socjeta` estera. Hi tghid li ghandha prokura minghand is-socjeta` estera, pero`, din il-prokura qatt ma ipproducietha. Dan juri li, indipendentement mill-ftehim li s-socjeta` konvenuta

kellha ma' dik estera, il-kuntratti hawn Malta kienu responsabbilita` ta' dik ta' l-ewwel, li assumiet responsabbilita` li tallogga lit-turisti mibghuta u li, ovvjament, thallas ghas-servizzi lilhom moghtija. Id-ditta estera kienet thallas lis-socjeta` konvenuta ghal kull turist li kienet tibghat, jigu fejn jigu alloggjati, u sta ghas-socjeta` konvenuta li tiftiehem ma' lukandiera lokali biex tfornihom b'akkomodazzjoni u ikel ta' l-istandard li kienet miftiehma. Bejn il-lukandiera lokali u s-socjeta` konvenuta inholoq rapport kontrattwali dirett li fih is-socjeta` konvenuta, la darba li accettat l-istruzzjonijiet lilha moghtija, kellha mbaghad tassigura l-ezekuzzjoni taghhom.

Il-flus li s-socjeta` konvenuta kienet tircievi minn barra ma kenitx tghadihom direttament lill-lukandiera Maltin, izda kienu jigu registrati bhala 'dhul' fil-kotba taghha. Is-socjeta` kienet in segwitu thallas hi lill-lukandiera li maghhom, fuq "responsabbilita` taghha", tkun ikkuntrattat. Dawn kienu registrati bhala 'spejjes' u l-profitt taghha kienet id-differenza bejn id-dhul u l-hrug li, generalment, kienet ekwivalenti ghall-5% kummissjoni li kienet izomm fuq kull turist. Dan hu precizament ix-xoghol li jaghmel kummercjant kummissjonat li, kif osservat l-ewwel Qorti, jobbliga ruhu direttament ma' dawk li maghhom jikkuntratta (Artikolu 96 u 97 tal-Kodici tal-Kummerc).

Apparti dan kollu, din il-Qorti setghet tipprexxendi minn dawn l-argumenti peress li l-ftehim li ffirmaw il-partijiet jitkompla hlas ghas-servizzi rezi "*by the Fischer Reisen Representative – the local travel agency*", li jfisser li s-socjeta` konvenuta, bhala li assumiet l-obbligu li teffettwa l-hlasijiet dovuta, tista' tigi imharrka biex taghmel dawk il-hlasijiet.

Kwindi l-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud.

Fit-tieni lok, is-socjeta` konvenuta tikkontesta l-interess tas-socjeta` attrici li tippromovi dan il-gudizzju. Il-Qorti ma tantx thoss li ghandha tahli wisq zmien fuq din is-sottomissjoni. Il-fatt li s-servizz lit-turisti nghata fil-Cornocopia Hotel ma jfissirx li l-kawza ghall-hlas kellha

ssir f'isem il-lukanda ghax l-interess guridiku mehtieg jirrisjedi fil-proprjetarju tal-lukanda li hi s-socjeta` attrici. Il-Cornocopia Hotel mhix xi *trade name* li, f'isimha, kien isir negozju u, gialadarba din il-lukanda tappartjeni lis-socjeta` attrici (fatt dan, li ma giex kontestat), il-kawza saret tajjeb minn din il-kumpanija bhala s-sid taghha.

Dan it-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta qieghed ukoll jigi michud.

Fit-tielet lok is-socjeta` konvenuta tilmenta bic-cahda mill-ewwel Qorti ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata.

Fuq dan il-punt din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tezamina jekk l-eccepita preskrizzjoni hijiex applikabbli ghal kaz jew le, peress li, f'kull kaz, darba li s-socjeta` konvenuta eccepiet ulterjorment it-tpacija, ghandha titqies li hi rrinunzjat ghall-kull terminu. L-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghal ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss m'ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont aktar dovut mill-kreditur (ara "<u>Orr noe v. Gingell Littlegohn</u>", deciza minn din il-Qorti (allura Sede Kummercjali) fit-18 ta' Gunju, 1984, u "<u>Spiteri et v. Vella</u>", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju, 1993, u l-gurisprudenza hemm kwotata). Fil-kawza "<u>Ramel u Zrar Ltd. v. Mixer Ltd</u>", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju, 2006, intqal illi:
"It-tpacija hija meqjusa mil-ligi bhala wahda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni. Biex issehh it-tpacija, ghalhekk, jehtieg li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, ghal kollox jew f'bicca, obbligazzjoni ohra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpacija, meta tigi eccepita, tammonta ghal stqarrija ta' gharfien ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha t-tpacija ssir. Kemm hu hekk, inghad li <u>t-tpacija hija ammissjoni ta' l-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>". (Sottolinear ta' dinil-Qorti)

Minn dan isegwi li s-socjeta` konvenuta, darba eccepiet it-tpacija, mhux biss waqghet il-preskrizzjoni minnha stess sollevata, izda proprjament lanqas setghet tecepixxi li hi

mhix il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni ghax kif rajna, it-tpacija hija <u>ammissjoni</u> ta’ l-obbligazzjoni kuntrarja.

L-aggravju dwar il-preskrizzjoni qed jigi, ghalhekk, michud.

Fir-raba’ lok, is-socjeta` konvenuta eccepiet li, f’kull kaz, l-ammont mitlub mhux kollu dovut. Apparti l-fatt li din l-eccezzjoni tammonta wkoll ghal interruzzjoni ta’ kull preskrizzjoni eccepita (ara per ezampju, il-kawza “<u>Vella v. Moby Rentals Ltd</u>”, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ Novembru, 2001), l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi mressqa fil-kuntest tal-quantum ta’ l-obbligazzjoni u din il-Qorti, wara li regghet ezaminat l-atti, ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti meta laqghet biss in parte l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta dwar l-ammont mitlub.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi wkoll michud.

Fl-ahhar lok, is-socjeta` konvenuta eccepiet it-tpacija ma’ kreditu li allegatament ghandu maghha l-Gozo Garage. Issa biex topera t-tpacija mhux biss hemm il-htiega li d-dejn ikun likwidu u cert, izda kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “<u>Rota v. Hair</u>”, deciza fil-31 ta’ Jannar, 2003, fuq l-iskorta ta’ gurisprudenza anterjuri minnha indikata, it-tpacija “*lanqas issehh jekk wiehed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra*”. F’dan il-kaz, l-allegat dejn tal-Gozo Garage mhux ammess, u kwindi ma tistax topera t-tpacija.

Apparti dan, dan l-allegat dejn mhux tas-socjeta` attrici, izda ta’ kumpanija ohra. Hu veru li z-zewg kumpaniji huma ta’ Victor Borg, li jiggestixxi diversi negozji fil-gzira ta’ Ghawdex, pero`, z-zewg kumpaniji ghandhom personalita` guridika differenti, u, f’dawn il-proceduri zgur li din il-Qorti ma tistax tordna lill-kumpanija wahda thallas dejn ta’ kumpanija ohra. Din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ricensuri taghha, “<u>Tabone noe v. George Spiteri Ltd.</u>”, deciza fis-6 ta’ Lulju, 2007, fejn, fil-kuntest ta’ kontro-talba, osservat li jekk l-attur f’kawza jkun qed jagixxi personalment, ma jistax, in via rikonvenzjonali u

ghal fini ta’ tpacija jigi “mharrek” fil-kuntest ta’ negozju iehor fejn ikun agixxa biss bhala intermedjarju.

Dan l-aggravju qed jigi michud.

Kwindi, l-appell principali interpost mis-socjeta` konvenuta qed jigi rigettat fl-interezza tieghu.

Trattat issa l-appell incidentali tas-socjeta` attrici din il-Qorti tasal biex taqbel ma’ dak sottomess minn din is-socjeta`. Fit-termini ta’ l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili, f’kaz ta’ obbligazzjoni kummercjali, kif inhi bla dubju dik meritu ta’ din il-kawza, l-imghaxijiet jiddekorri *ipso jure* mid-data li fiha l-obbligazzjoni kellha tithallas. Meta t-talba imbaghad, tkun ghall-hlas ta’ somma determinata kif inhi t-talba f’dan il-kaz, ma jkunx hemm ostakolu ghad-dekorriment ta’ l-imghax kif tesigi l-ligi, u dan avvolja mill-ammont mitlub ikun se jsir tnaqqis mill-Qorti. Fil-kawza “”Sladden v. Agius”, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Lulju, 2006, intqal li, peress “*il piu` comprende il meno*”, meta attur jitlob somma determinata, u din titnaqqas mhux b’mod sinifikanti, id-debitur m’ghandux jiehu vantagg billi jigi mehlus mill-hlas ta’ xi imghax (ara wkoll il-kawza “Buttigieg v. Said”, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta’ Jannar, 1952). Ghalhekk, is-socjeta` attrici hija intitolata li f’dan il-kaz, tesigi imghax mill-31 ta’ Awissu, 1994, kif minnha mitlub, li tirrapprezenta d-data meta gew provduti servizzi lis-socjeta` konvenuta ghall-ahhar darba.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali interpost mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tas-socjeta` attrici billi tilqa’ l-istess u tirriforma s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, billi tikkonferma l-istess fl-interezza taghha hlief fejn ordnat li l-interessi jiddekorru b’effett mid-data tas-sentenza, u minflok tipprovdi li l-interessi ghandhom jidekorru mill-31 ta’ Awissu, 1994, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta’ prim istanza, ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------